MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2014

Numru 444/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Jason Zammit**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuża dedotta kontra l-imputat Jason Zammit, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 10174M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali:

Talli nhar it-13 ta' Jannar, 2013 għall-ħabta ta' 16:55hrs fi Triq Ramon Perellos, Għajnsielem, Għawdex:

1. Saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IAV-151 ta' għamla Mercedes mingħajr ma kien kopert b'polza tal-assikurazzjoni dwar ir-riskju ta' terzi persuni;

2. Saq l-istess vettura mingħajr ma kienet liċenzjata biex tintuża fit-triq mill-awtorita’ kompetenti

3. U aktar talli naqas li jipprovdi l-polza tal-assikurazzjoni tal-vettura IAV 151 fi żmien stipulat bil-liġi meta ordnat biex jagħmel dan mill-Pulizija.

**2.** Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) mogħtija fit-3 ta’ Ottubru, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta’ Malta, u l-Artikoli 3(1), 3(1A), 3(2)(a), 3(2A), 8((1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta u sabet l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal multa komplessiva ta’ elfejn u seba’ mitt Ewro (€2700) u tordna li l-imputat jigi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal żmien ta’ tnax il-xahar li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl u minuta tal-għada tas-sentenza.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta’ Jason Zammit minnu ppreżentat fit-18 ta’ Ottubru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti:

1. Tirrevoka d-deċiżjoni appellata għar-rigward tas-sejbien ta’ ħtija fih u tiddikjara nuqqas ta’ ħtija fl-appellant u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija;

2. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f’każ ta’ sejbien ta’ ħtija tnaqqas il-piena hekk kif imposta fuqu u dana stante r-raġunijiet miġjuba fir-rikors tal-appell.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi l-provi kollha prodotti quddiem l-ewwel Qorti fosthom l-affidavits u d-dokumenti esebiti u semghet ix-xhieda jixhdu mill-ġdid quddiemha u lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fit-13 ta’ Jannar 2013 l-imputat kien isuq vettura tal-marka Mercedes bin-numru ta’ reġistrazzjoni IAV-151 fi Triq Ramon Perellos, Għajnsielem u għall-ħabta tal-4.55 pm huwa ħabat ma’ vettura oħra. L-imputat stqarr mal-uffiċjali tal-pulizija li nvestigaw l-inċident li huwa kellu polza ta’ assikurazzjoni li iżda ma kienetx fuqu dak il-ħin u għalhekk ġie ordnat sabiex ‘l għada jieħu l-polza għand il-pulizija. Minn barra dan l-imputat ma kellux liċenzja kurrenti sabiex il-vettura tinsaq fit-triq. L-imputat baqa’ qatt ma ħa l-polza li vvanta li kellu lill-pulizija.

**6.** L-aggravji tal-appellant jikkonsistu essenzjalment fis-segwenti.

1. ġialadarba l-vettura misjuqa mill-appellant kienet qiegħda fuq *trial run* din awtomatikament hija koperta b’assigurazzjoni għal dawk il-mumenti li fihom tkun qed tintuża l-istess *trial run*. L-appellant hass ruhu aggravat

kemm bis-sejbien ta' htija fih kif ukoll bil-piena inflitta fuqu li fi kwalunkwe kaz huwa jhoss li hija eccessiva.

2. fi kwalunkwe każ fl-ipotesi li din il-Qorti ssib xi ħtija fl-imputat il-piena imposta mill-ewwel Qorti ma kienetx waħda ġusta u żgur li hija gravi ħafna meta jittieħed qis taċ-ċirkustanzi tal-każ.

**7.** L-uniku aggravju fil-mertu tal-appellant iserraħ fuq l-allegazzjoni li l-vettura misjuqa minnu kienet qiegħdha fuq trial run li għalhekk, skont l-appellant, kienet awtomatikament koperta b'assigurazzjoni. L-appellant f'ebda mument ma ssostanzja l-allegazzjoni tiegħu li vettura li tkun tinsaq *on trial run* hi "awtomatikament" koperta b'assikurazzjoni u ebda tali koperta awtomatika ma tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 104 dwar l-assikurazzjoni ta' vetturi bil-mutur għar-riskji ta' terzi persuni. Barra minn hekk, iżda, r-regolament 36(4) tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (A.L. 198/2009 kif emendat), apparti diversi kwalifiki u limitazzjonijiet oħra, jipprovdi li ma għandhom jintużaw ebda pjanċi 'Trial Run' ħlief dawk maħruġin u mbullati mill-Awtorità u ma saret ebda prova ta' xejn li l-vettura kellha xi pjanċa tali. L-uniċi provi prodotti kienu jikkonsistu fid-depożizzjoni ta' Alvin Buttigieg, is-sewwieq li miegħu ħabat l-imputat, li xehed li "kellha trial run fuq id-dashboard" (fol. 50) u dik tal-warden 494 Peter Attard li in kontro-eżami fuq domanda tad-difiża "Ara, sinjur, ara nkunx korrett illi effettivament fuq il-vettura tas-Sur Zammit kien hemm pjanċa tat-trial run" wieġeb "Iva, iva kien hemm". Din ix-xhieda anqas tibda biex tavviċina prova fuq bażi ta' probabilita' li l-pjanċa li raw Buttiġieġ u Attard kienet maħruġa u mbullata mill-Awtorita' kif trid il-liġi sabiex wieħed ikun jista' jibda biex jivvanta xi pretensjonijiet legali fuq l-iskorta ta' dik il-pjanċa. Il-persuna li wieħed jistenna kienet fl-aħjar pożizzjoni li tipprovdi l-aħjar prova dwar jekk kienetx ġiet maħruġa mill-Awtorita' lill-imputat appellant xi pjanċa *trial run*, u ċioe Saviour Farrugia, rappreżentant tat-Transport Malta, ma ġie mistoqsi xejn mid-difiża dwar din il-materja li anqas kontro-eżami ma għamlet lix-xhud. Kien ikun hemm ħafna konsiderazzjonijiet li jkunu jridu jsiru anki kieku rriżulta li l-pjanċa in kwistjoni kienet waħda maħruġa u mbullata mill-Awtorita' fid-dawl tad-diversi kwalifiki u restrizzjonijiet fir-regolamenti dwar l-użu ta' tabelli *trial run* iżda ma hux neċessarju li din il-Qorti tidħol fihom peress li il-premess hu biżżejjed sabiex din il-Qorti tiddisponi minn dan l-aggravju tal-appellant.

**8.** Dan l-aggravju dwar il-mertu qiegħed għalhekk jiġi miċħud.

**9.** L-appellant jilmenta wkoll mill-piena. Jgħid li l-piena imposta ma hix ġusta, hija gravi ħafna u ġġibu f'sitwazzjoni li jagħlaq in-negozju tiegħu. Dan l-aggravju hu għal kollox insostenibbli. Biżżejjed jingħad li fid-dawl tal-fedina penali tiegħu il-piena imposta hi waħda ferm mita għaliex meta jittieħed qies tal-parametri tal-piena li applikat l-ewwel Qorti l-massimu previst mil-liġi kien dak ta' multa ta' €4658.75 biss għar-reat ta' sewqan bla polza, apparti l-piena ta'

priġunerija li wkoll hi prevista mil-liġi għal din ix-xorta ta’ reat. Meta jiġi kunsidrat, iżda, li dan hu t-tieni reat tiegħu ta’ din ix-xorta u li għalhekk il-multa ta’ €4658.75 kellha tkun il-minimu u mhux il-massimu tal-piena tal-multa applikabbli skont l-artikolu 3(2)(b) tal-Kap. 104 jirriżulta manifest il-frivolita’ ta’ dan l-aggravju. L-appellant għandu jkun verament grat li ma sarx appell mill-prosekuzzjoni dwar il-piena. Dwar li l-imputat qiegħed iħossu jinġieb fis-sitwazzjoni li jagħlaq in-negozju tiegħu, minn eżami tal-fedina penali tiegħu li hi piuttost kopjuża b’reati in konnessjoni man-negozju tista’ ma tkunx l-agħar ħaġa li tista’ tiġrilu peress li jidher li la għandu r-rieda u anqas il-kapaċità li jikkonforma ruħu mal-liġi fil-ġestjoni tal-istess negozju.

Għall-motivi premessi l-appell qiegħed jiġi miċħud u s-sentenza appellata qiegħdha tiġi konfermata b’dan li l-perjodu ta’ tnax-il xahar msemmi fis-sentenza appellata jibdew jiddekorru minn nofs-il-lejl u minuta ta’ għada.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------